

# Għelt il-Koppin fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin

## *(it-Tielet Parti)*

**Angelo Schembri**

Wara nuqqas ta' tliet snin qed inkompli din is-sensiela ta' kitbiet li joriġinaw mir-Reġistri tal-Okkorrenzi tal-Pulizija, u jitfgħu dawl fuq il-ħajja soċjali u l-għixien tal-Koppin li għexu madwar mitt sena ilu. Kif ġieli sostnejt, minkejja li mir-rapporti wieħed iżjed jara l-lat ikrah tal-persuna, dawn l-okkorrenzi jagħtu tagħrif dwar l-okkażjonijiet jew ir-raġunijiet għala ttieħdu passi. Tkun ħaġa tajba li min qed jinteressa ruħu fihom, qabel ma jaqra dan l-artiklu, jerġa' jagħti titwila liż-żewġ artikli l-oħra li kont ippubblikajt[1], biex ikun jista' jara l-perspettiva aħjar dwar kontinwazzjoni ta' reati jew kwistjonijiet. Iż-żmien li ser inkopri f'din il-kitba huwa bejn l-1915 u l-1928, u minn dal-perjodu żgur joħroġ kif ir-rivalità diġà eżistenti bejn iż-żewġ partiti tal-festi tar-raħal, mhux biss tkompli tikkarga, iżda fil-veru sens tal-kelma tisplodi f'mibegħda l-iżjed kerha. Partikolarment dan li qed ngħid ser tarawh f'sentejn partikolari; l-1919 u l-1923. Kif għadhom sal-lum il-gurnata, iż-żewġ festi huma l-okkażjonijiet ewlenin li għalihom iqum daqsxejn mill-kwiet etern tiegħu dan ir-raħal antik, iżda ma jfissirx li fil-kumplament tas-sena kien jew għadu kollox ward u zahar.

### Każi ta' Adulterju, Fastidju u Insulti

Fl-aħħar kitba tiegħi dwar l-okkorrenzi, kont semmejt ħafif ħafif każ t'adulterju fejn fl-1913 raġel ta' ċertu portata soċjali fir-raħal qabad lil martu fil-fatt ma' raġel ieħor, u wara li taha xebgħa u keċċieha mid-dar, ġie arrestat iżda l-għada nħeles, ħafrilha u laqagħha lura għandu. Isem il-protagonisti ta' dan it-trijanglu ta' mħabba ma kxiftux u lanqas ser nikxfu, peress li nieshom għadhom preżenti sal-lum f'Ħal Kirkop, iżda ma nistax ma nirrakkuntax il-ġrajja skont l-Okkorrenzi, għax dal-każ, wara l-1913 baqa' jkarkar għal tul ta' żmien. Hekk naraw li fit-8 ta' Mejju 1916, ir-raġel irrapporta lit-tali persuna li pprova jistupra lil martu, li sostniet li kien anke serqilha l-għonnella. Meta ġie mistoqsi dwar dan, il-maħbub tal-mara qal li ħadielha għax talabha lura diversi rigali li taha meta kienu għadhom f'relazzjoni tajba bejniethom. Il-każ ikompli fit-23 t'Awwissu 1916, meta l-mara għaddiet żewġ ittri anonimi lill-Kuntistabbli Giovanni Ciappara li l-kontenut tagħhom kien dwar relazzjonijiet ta' mħabba, theddid u kliem oxxen. Waħda minnhom sabitha d-dar f'dik l-għodwa, u l-oħra kienet intefgħet fil-ħanut tax-xorb ta' żewġha ġimagħtejn qabel. Mingħajr tidwir ta' kliem hija ssostni li tissuspetta biss f'dak li kellha r-relazzjoni miegħu. Fit-3 t'Ottubru tal-istess sena jkun imiss lil żewġha nnifsu li jirrapporta ma' żewġ kuntistabbli li madwar ġimagħtejn qabel, il-maħbub ta' martu tefa' *envelope* b'ħames ittri anonimi indirizzati lil martu fid-dar tagħhom, u li dawn l-ittri hu kien għaddiehom lill-Prokuratur Legali G. Muscat Azzopardi biex jieħu passi. L-aħħar aħbar li nieħdu dwar dan il-każ tkun fl-10 t'Ottubru 1916 meta r-raġel jirrapporta li fil-ħanut tax-xorb tiegħu



*Dehra tad-daħla tal-raħal mill-imħawi Tar-Robba, u Tad-Dawl bil-Menħir sinonimu ma' Ħal Kirkop fl-1928, iż-żmien li qed jitratta dan l-artiklu*

nstabet ittra anonima oħra indirizzata lil martu. Każi ta' fastidju sibt mhux ftit bħal meta fit-8 ta' Frar 1917, is-Surmast tal-Iskola Alfonso M. Spiteri[2] rrapporta li erba' subien; Leonardo Falzon tan-Nan, Leonardo Attard tal-Meuta, Carmelo Ellul ta' Marinton u Giuseppe Chircop tal-Gabillott, insultawh. Madwar xahar wara ġew irrappurtati erba' subien oħra minn ta' Bent, tal-Gabillott, ta' Casun u ta' Zogroch, illi daħlu fiċ-Ċimiterju ta' San Nikola mingħajr il-permess tal-persuna nkarigata li tieħu ħsiebu. Każ ħelu nsibuh fis-26 ta' Lulju 1915, meta Francesco Azzopardi ta' Ħaħai, jirrapporta lill-ġar tiegħu Salvatore Farrugia tal-Barbaxia għax dejqu l-għana tal-urieżaq li kellu fuq il-bejt mal-lejl. Fit-30 ta' Ġunju 1923, Giuseppe Axiak tal-Mancin ġie mhedded minn żewġt irġiel minn Ħal Luqa u minn Nazzareno Dalli tal-Bait minn Ħal Kirkop stess illi *"...Aħna għad insibucom fil-festa."* Fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp tal-1925, Paolo Ellul ta' Marinton, irrapporta li subien mhux magħrufa ssuttaw bil-ġebel il-bieb ta' barra u ħarqu bombi żgħar tal-musketterija mal-istess bieb. Wieħed ma jiskantax b'li ġara meta tqis b'liema animożità kien iħares lejn il-Festa ta' San Ġużepp dan Pietru Pawl Ellul[3]. Fit-22 ta' Mejju 1926, il-kuntistabbli Gregorio Sacco jagħmel rapport illi waqt li martu Grazziolla kienet tixtri fil-ħanut tal-laħam ta' Giuseppe Ellul is-Siettu, ġiet insultata minn Benedetto Sacco tas-Singhis, illi lil Ellul tennielu *"Lil din alifa ax zeugia Pulizia."* F'jum il-festa parrokkjali tal-1927 Fortunato Debono tal-Caruan ta' 14-il sena rrapporta li l-aħwa Giuseppe u Vincenzo Chircop tal-Gabillott, tefgħulu ġebla u laqtuh f'rasu. Fid-9 ta' Lulju 1927, Antonio Caruana rrapporta li waqt li diversi membri tal-*Beland Club* taż-Żejtun kienu għaddejjin f'xarabank minn Ħal Kirkop, persuni mhux magħrufa tefgħulhom ħamrija u tajn. Fid-19 ta' Novembru 1927, Spiridione Bartolo tal-Cortigian irrapporta lil Giuseppe Callus ta' Ciappa, tifel ta' disa' snin, talli ssotta bil-ġebel lill-ħanut ta' barbier tiegħu f'2, *Strada Maggiore*.

**Każi ta' Serq fir-raħal**

Mewġa ta' serq minn għelieqi, barrieri, każini u djar kompliet għaddejja f'Ħal Kirkop anke fil-perjodu li qed nikteb dwaru. Fit-2 t'Awwissu 1919, Francesco Azzopardi tal-Bożżzot li kien joqgħod 7, *Strada San Benedetto*, sab neqsin tmien ċrieket, tliet karti tal-lira sterlina, oħra ta' għaxar xelini u par imsielet. Jissuspetta f'ibnu Salvatore, u mill-investigazzjoni joħroġ li kellu raġun. Sitt ijiem wara, l-istess Francesco Azzopardi jirrapporta li daru ħadet in-nar b'mod aċċidentali, u apparti l-ħsara li saret, sab neqsin sitt liri tal-fidda li kienu mgeżwra f'maktur. Għal darb'oħra jissuspetta f'ibnu, iżda minn tfittxija li ssirlu mill-kuntistabbli Gregorio Sacco, jirriżulta fin-negattiv. Fl-istess xahar, Benedetto Falzon tan-Nan sab nieqsa diversi għodda bħal imrietel kbar, imnanar u pali mill-barriera tiegħu f'Ħal Resqun bi spiża ta' 14-il lira sterlina. Minn hawn tibda kwistjoni sħiħa ta' ġlied bejn il-missier Benedetto Falzon u martu u wliedhom. Dan kien każ li sal-lum għad fadal min jiftakru, ta' raġel li ssepara minn martu u wliedhom riedu dak li bi dritt kien tagħhom. Fis-16 ta' Marzu 1924. Giovanni Attard ta' Pietra u Nicola Coleiro ta' Marozz ġew arrestati u akkużati li fit-tliet xhur ta' qabel, ripetutament serqu qamħirrun u ħarrub għad-detriment ta' Leonardo Callus. Fil-Qorti, Attard inħeles għax inħafer minn nannuh li kien sid l-għelieqi, Callus innifsu. Ġurnata wara, daħal rapport ieħor minn Salvu Debono taċ-Cinaclu li fil-lejl ta' qabel daħlulu fil-forn ta' *Strada San Rocco* u serqulu l-flus. Dan il-forn kien jinsab flok il-garaxx li kellu mikri Dennis Bennet sa ftit snin ilu. Debono jsostni li l-bieb minn fejn daħlu kien jagħti għall-għelieqi, u allura żgur li kien fl-inħawi ta' fejn illum jinsabu Triq Nerik Xerri u Triq il-Għasel. Fl-4 ta' Jannar 1925, Giuseppe Cutajar ta' Dovich irrapporta li persuni mhux magħrufa daħlu f'daru li kienet tinsab 8, *Piazza Maggiore*, wara li sgassaw żewġ bibien li jagħtu għall-bitħa. Minn kaxxa tal-injam, li wkoll ġiet sgassata, insterqu 120 lira sterlina u żewġ ċrieket. Fl-investigazzjoni, Cutajar innifsu jammetti li dawk il-flus li kienu tiegħu u ta' ħutu, kien seraqhom




***Dehra ta' Piazza Maggiore bis-Salib, il-Knisja filjali tal-Lunzjata u l-għajn tal-ilma fis-sena 1930. F'diversi każi, Piazza Maggiore hija palk tat-teatrin fejn tiżvolġi l-ħajja tal-popolin hekk kif joħroġ minn ġo daru.***

hu stess ftit ftit! Fil-5 ta' Jannar 1926, Tommaso Farrugia ta' Ciok jirrapporta li madwar sitt xhur qabel, miċ-*Circolo San Leonardo* sab neqsin żewġ armi tat-trofej, kaxxa tal-metall bi tnax-il xelin fiha u t-tombla. Dakinhar li għamel ir-rapport sab neqsin katina u diversi friegħi tal-għeneb. Wera s-suspett fl-aħwa Leonardo u Benedetto Camilleri ta' Rasola, li minn tfittxija li saritilhom, irriżultat fin-negattiv. Fid-29 ta' Lulju 1926 seħħet serqa kbira f'Ħal Kirkop li xegħlet lill-pajjiż kollu bil-gravità tagħha. Dakinhar għall-ħabta tal-10.15am, waqt li l-impjegati tat-Teżor Edgard Cuschieri mill-Isla u Alfredo Schembri mill-Birgu kienu rekbin fil-karozzin ta' Gaetano Mallia, ġew imwaqqfa minn seba' rġiel mhux magħrufa lebsin il-maskri, illi serqulhom kaxxa tal-injam bis-somma kbira ta' tliet mija u erbgħin lira sterlina, tmintax-il xelin u erba' soldi u nofs. Is-serqa seħħet f'*Via Gudia*, Ħal Kirkop, u l-flus li serqulhom kienu destinati li jħallsu lill-ħaddiema tal-Gvern peress li kien wasal l-aħħar tax-xahar. Il-ħallelin ħarbu fl-għelieqi u wara li l-impjegati tat-Teżor u x-xufier tal-karozzin għamlu r-rapport fl-Għassa ta' Ħal Kirkop, immedjatament bdiet ġurnata ta' tfittxijiet fi djar u ħwienet tax-xorb ta' ħames persuni minn Ħal Kirkop stess. Iżda dawn irriżultaw fin-negattiv. Dan ma kienx xi każ faċli biex jiġi solvut. Jingħad li mill-Għassa taż-Żurrieq beda jaħdem dwar dan il-każ l-Ispettur Carol Saliba li beda jasal għal ċerti konklużjonijiet. Bagħat għal wieħed minn dawk suspettati u ħadmu billi qallu li kien jaf min huma sħabu u li kien se jressaqhom il-Qorti. L-Ispettur ma qagħadx bi kwietu qabel ma s-suspettat qallu l-verità kollha taħt kundizzjoni li jingħata l-proklama[4]. Fit-13 ta' Novembru 1926 ġew arrestati Giuseppe Ellul mill-Imqabba, Carmelo Cutajar mill-Ħamrun, Salvatore Cefai mill-Imsida, Carmelo Spiteri minn Ħal Qormi u Emanuele Pisani mill-Marsa, li ġew akkużati b'serq bi vjolenza. Emanuele Pisani nħeles mill-arrest minħabba nuqqas t'evidenza. Il-kaxxa bil-flus misruqa ma nstabitx u għalhekk komplew diversi tfittxijiet fid-djar. F'Jannar tal-1927 beda l-ġuri tal-ħames akkużati li ġew ikkundannati b'sentenzi ta' priġunerija ta' bejn seba' u tnax-il sena, waqt li seħibhom li kixifhom ingħata l-proklama kif kien imwiegħed.

**Inċidenti u Fatalitajiet**

Inċident fatali ta' qsim il-qalb seħħ f'Ħal Kirkop fit-*Tre Re* tal-1925, meta Leonardo Borg ta' sentejn u nofs, minn tal-Lira, waqt li kien fid-dar ta' nannuh Francesco 11A, *Strada San Benedetto*, flimkien ma' zitu Carmela Cutajar t'10 snin, żelaq b'mod aċċidentali daqs tmien tarġiet. Deher evidenti mill-ewwel li t-tifel kien qasam rasu u l-ġrieħi kienu gravi. Kif sar ir-rapport, il-Maġistrat tal-Għassa Dr. E. Micallef ġie msejjaħ għal iżjed investigazzjonijiet. Sfortunatament, it-tifel miet l-għada 7 ta' Jannar 1925 fl-4 am. Dr Milanesi ċċertifikah mejjet u ordna li jindifen. Fiż-żmien li qed insemmu, bdew deħlin bil-mod il-karozzi fit-toroq Maltin u ovvjament xi inċident kawża ta' ħabta ma kienx jonqos. Fost l-oħrajn fis-27 ta' Jannar 1925, Giuseppe Cassar mill-Imsida rrapporta li waqt li kien qed isuq il-karozza tal-kiri f'*Via Valletta* (it-Triq ta' San Ġużepp) kellu inċident ma' Giuseppe Sacco ta' Scutu minn Ħal Kirkop. Sacco kien qed isuq il-karozzin b'erba' nisa fid-direzzjoni opposta tat-triq. Minn żmien għal żmien, il-Pulizija li kienu jkunu jagħmlu r-ronda mar-raħal, kienu jieħdu l-inizjattiva li jiġbdu l-attenzjoni ta' ċerti ħitan ta' djar jew għelieqi li kienu jkunu fi stat ħażin u ta' periklu għan-nies. B'dan kienu jkunu mgħarrfa s-sidien ta' dawn il-proprjetajiet u interessanti l-fatt li joħorġu ċerti ismijiet mhux assoċjati ma' Ħal Kirkop, li iżda kellhom djar jew raba' fir-raħal. Ismijiet bħal Kan. Francesco Cavendish minn *Strada S. Ursola* l-Belt, in-Nobbli Vincenza dei Conti Manduca Testaferrata ta' *Strada S. Paolo* l-Belt, l-Onor Alfonso Maria Galea minn tas-Sliema, Giuseppe Milanesi ta' *Piazza Ospedale* Ħaż-Żebbuġ u Luigi Vassallo ta' *Piazza Brittannica* l-Furjana. Fl-4 ta' Settembru 1926, Felicia Camilleri ta' Marmura ġiet irrappurtata li f'Awwissu welldet tarbija u difnitha b'mod sigriet mingħajr ma ċċertifikat twelidha. It-tfajla kellha tnejn u għoxrin sena u aktarx li kienet ser tkun tfajla-omm għax tiġi deskritta bħala bint Leonardo. Sittax-il xhud huma mniżżla fir-rapport li kkonfermaw dak li għamlet Camilleri. Inċident fatali ieħor seħħ fit-22 ta' Lulju 1927, meta waqt li Giuseppe Debonọ tal-Caruan kien qed iħott il-pal tal-bajtar minn fuq karettun, ġibed lejh senter li b'mod aċċidentali spara tir u ntlaqat f'għajnu l-leminija. Dr. Milanesi dewwieh kif seta' fuq il-post, iżda stqarr li l-ġerħa kienet gravi u għalhekk bagħtu l-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Dakinhar stess tal-inċident, tard filgħaxija daħlet telefonata l-Għassa mill-Isptar Ċentrali, biex javżawhom li Debono kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Kawża tal-inċident kien qed ibati minn ġerħa kbira, sfigurament t'għajnu u telf ta' viżta permanenti, kif iċċertifikat mill-Prof. Luigi Preziosi li kien magħruf ħafna għall-mard tal-għajnejn u viżta. B'dan kollu ġie avżat il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Michel Angelo Xerri. Fit-30 ta' Lulju 1927, tmint ijiem wara li ġara l-inċident, Giuseppe Debono ta' 22 sena miet fl-3.45 ta' wara nofsinhar fl-Isptar Ċentrali fejn kien rikoverat. B'mewtu ġie avżat il-Maġistrat tal-Għassa Dr A. Montanaro li ordna d-difna tal-katavru.

### Ħwienet u Snajja'

Dawn l-Okkorrenzi indirettament jagħtu għal kemm-il darba lista ta'ħwienet li jkun hemm fl-irħula. Normalment ikunu tfittxijiet għal xi użini li jqarrqu bil-klijenti jew għal flus foloz fiċ-ċirkolazzjoni. Fis-snin li qed nikteb dwarhom, jirriżulta li l-Pulizija żaret darbtejn il-ħwienet Koppin jew imqar uħud minnhom. Fid-29 ta' Lulju 1916, b'ordni tal-Ispettur Gauci, il-kuntistabbli Ciappara u Grima fittxew fil-ħwienet tar-raħal biex jiġbru lura fliexken tal-ilma tal-marka *Mortimer*. Mill-ħwienet ta' Angelo Grech, Giuseppe Ellul, Francesco Azzopardi, Rosario Sacco, Michele Bartolo u Giuseppe Spiteri ġabru total ta' tlieta u sittin flixkun. Mhux magħrufa r-raġuni għala ngħatat din l-ordni tal-ġbir lura tal-fliexken ta' ditta partikolari, iżda jista' jagħti l-każ li kienet xi ħaġa marbuta mal-kwalità jew mas-saħħa. F'Awwissu 1925 jiġu rrappurtati tlett iħwienet oħra minħabba li ma kellhomx ċertifikat li jistgħu joperaw bħala ħanut, imwaħħal fejn jidher. Dawn il-ħwienet kienu ta' Maria Spiteri tad-Diga 14C, *Piazza Maggiore*, Francesco Callus iċ-Ċiappa 17, *Piazza Maggiore* u ta' Caterina Spiteri tal-Chexcuxa 4, *Strada Maggiore*. Fit-2 t'Awwissu 1926 Antonio Borg tal-Furnar, li kien il-persuna responsabbli mill-fanali tat-toroq tar-raħal, jirrapporta li sab ħsara f'fanal tal-pitrolju f'*Via Valletta*.



***Dr Riccardo Milanesi - District Medical Officer li kien jissejjaħ f'każi gravi u jissemma f'inċidenti fatali li jkopri dan l-artiklu.***

### Attività Piroteknika f'Ħal Kirkop

Fl-ewwel u t-tieni parti ta' din is-sensiela ta' kitbiet, diġà aċċennajt li f'Ħal Kirkop diġà kienet bdiet tiżviluppa n-namra lejn l-arti piroteknika fil-festi tar-raħal. Partikolarment kont semmejt diversi tfittxijiet li kienu jsiru fid-djar ta' partitarji akkaniti li mhux darba rriżultaw fl-affermattiv u ġew elevati sustanzi ta' splussiv jew murtali lesti biex jinħarqu. Biss, fit-tliet okkorrenzi li ser nikteb dwarhom hawn taħt, joħroġ ċar u mingħajr ebda dubju li l-affarijiet kienu bdew jiġu organizzati aħjar u b'iżjed prudenza fil-kuntest ta'ħdim ta' nar. Fit-2 t'Awwissu 1925, u allura fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp, jidħol rapport stramb mingħand Spiridione Scerri tal-Caus u Antonio Agius ta' Daida[5], it-tnejn li huma minn Ħal Tarxien. Iż-żewġt irġiel isostnu mal-Pulizija li minn kamra tan-nar li kellhom fl-inħawi ta' Ħal Kirkop, sabu neqsin madwar 3,500 bomba tal-musketterija, stmata li tiswa żewġ liri sterlini, ħames xelini u sitt soldi. Din il-musketterija nstabet fuq il-bejt tal-Każin ta' San Ġużepp f'*Piazza Maggiore*. Il-musketterija ġiet konfiskata mill-pulizija u ngħatat lura lil Scerri u Agius. Fl-20 ta' Lulju 1926 jiġi rrappurtat fir-reġistru tal-Okkorrenzi, illi fuq struzzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija, sitt persuni liċenzjati bħala responsabbli minn kmamar tan-nar, ġew avżati biex ma jaħdmux nar qabel ma jingħata ordni ieħor, u anke ittiħdulhom il-permessi tal-postijiet tan-nar tagħhom. Il-kmamar tan-nar imsemmija kienu jinsabu ż-Żurrieq, Ħal Kirkop, il-Qrendi u l-Imqabba. Minn Ħal Kirkop jissejjaħ bniedem wieħed BISS liċenzjat u responsabbli minn post tan-nar, u biex ma jkun hemm ebda ekwivoku dwar min hu ser nikteb eżatt kif irreġistrat fl-okkorrenza: ***"...SPIRIDIONE BARTOLO, 55 yrs of late Giovanni of C. Chircop, to manufacture fireworks, in contrada 'tat-Taksisa', limits of C. Chircop; permit No. 4186..."*** Mhux magħruf għala kienet ħarġet din l-ordni biex ma jinħadimx nar, iżda llum il-ġurnata din qed tiswa lilna biex sirna nafu liema kienu l-postijiet tan-nar liċenzjati fl-inħawi tagħna ta' wara l-mina madwar 90 sena ilu. U minn din l-okkorrenza joħroġ ċar li l-ewwel Post tan-Nar ġo Ħal Kirkop kien mingħajr ebda dubju dak tal-Festa ta' San Ġużepp!! Din il-liċenzja tan-nar li kellu Spiru Bartolo u l-post tan-nar innifsu, jiġu kkonfermati b' okkorrenza oħra mniżżla tlett ijiem wara, jiġifieri fit-23 ta' Lulju 1926, ftit jiem qabel il-Festa ta' San Ġużepp, meta l-Pulizija għamlu rejd fl-imsemmi post tan-nar fl-inħawi msejħa Ta' Taqsisa, biex jaraw li Spiru qed jobdi l-ordni li ngħatatlu tlett ijiem qabel. Spiru Bartolo ġie deskritt għal



***Ninu Agius id-Dajda, wieħed miż-żewġ Tarxiniżi li kellhom il-post tan-nar fl-inħawi ta' Ħal Kirkop***

kemm-il darba bħala l-*factotum* tar-raħal fi żmienu. Fost l-oħrajn insibuh b'ħanut ta' barbier maġenb il-Knisja, responsabbli miż-żamma taċ-ċimiterju ta' San Nikola, bajjad fil-Knisja Parrokkjali, President tal-*Casino San Giuseppe*, Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u organizzatur tat-*Teatrino Nazionale* fi *Strada San Rocco*. Iżda din li jaħdem in-nar u iżjed minn hekk bil-permess tal-post tan-nar fuq ismu, qatt ma konna smajnieha qabel! F'intervista li l-partitarju anzjan u Surġent tal-Fratellanza l-mibki Pietru Attard kien ta lil Pawlu Azzopardi fl-1992[6], Pietru kien sostna li t-Tabib Bartolo (bin Spiru) kien irsista ferm biex jinfetaħ il-post tan-nar f'Ta' Taqsisa u jgħid illi l-art kienet ingħatat minn Ġużeppi Ellul is-Sjettu. Ġużeppi Ellul kellu ħanut tal-laħam fi *Strada San Benedetto* li mbagħad filgħaxijiet kien jinfetaħ bħala ħanut tax-xorb, u minn okkorrenza oħra nafu li kien President tal-*Casino San Giuseppe* almenu fl-1914. Mingħajr ma nkun prużuntuż iżżejjed ser nistaqsi mistoqsija. Jekk tqis li fl-1925 insterqet musketterija minn post tan-nar ieħor u li fl-1926 kien hemm il-post tan-nar tal-Każin stabbilit, jista' jkun li d-data tat-twaqqif jew aħjar il-ftuħ tal-post tan-nar seħħ fil-perjodu ta' bejn il-festi tal-1925 u l-1926?![7]

**Il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D.**

B'parrokkat ta' 56 sena u bl-affiljazzjoni li kellu l-Kappillan Barbara mal-Festa ta' San Ġużepp, ma setax jonqos li ismu ma jkunx inkluż fir-Reġistri tal-Okkorrenzi għal iżjed minn darba. Fiż-żewġ partijiet l-oħra ta' din is-sensiela rajna li hu kien vittma ta' nsulti jew inkella mar jagħmel rapport dwar persuni li ppruvaw jisfrattaw il-purċissjoni, inkluża dik parrokkjali. Fil-perjodu li qed nikteb dwaru, għalkemm ikun daħal fiż-żmien sew, xorta dawn l-offiżi ma jbattux, anzi jaslu fl-agħar livell kif fil-fatt ser naraw. Nibdew b'episodju ħelu fejn il-Kappillan Barbara jagħmel rapport li tilef kelb ta' razza mħallta, abjad bi dbabar suwed li kien liebes kullar b'midalja li ġġib in-numru 5453-916. Fis-6 ta' Ġunju 1925, ta' 86 sena l-Kappillan Barbara jirrapporta li ġie nsultat minn Paolo Ellul ta' Marinton, li diġà semmejtu iżjed qabel u għad fadallu jerġa' jissemma f'dan l-artiklu. Każ stramb iseħħ fis-7 t'Awwissu 1927, meta l-Kappillan Barbara jirrapporta li kien ta ittra b'lira tad-deheb fiha lil Carmelo Polidano ta' Xappap, indirizzata lill-Kan. C. Attard miż-Żejtun. Jidher li dan Carmelo Polidano kellu jwassal din l-ittra lill-Kanonku Attard, iżda minflok fetaħha. Barbara nnifsu jitlob li ma jittiħdux passi kontra Polidano. Fit-30 ta' Mejju 1928, Dun Ġużepp għamel rapport li fil-lejl ta' qabel persuni mhux magħrufa xxabbtu mal-ħajt tal-ġnien tiegħu u għamlulu l-ħsara. Iżda żgur li l-akbar turija ta' mibegħda lejn il-Kappillan Barbara ntweriet fil-lejl tal-25 ta' Lulju 1919, meta għall-ħabta ta' nofsillejl neqsin kwart, splodewlu bomba mal-bieb ta' barra ta' daru 11D u 11E, *Strada San Benedetto*. Għaxar minuti wara, jiġifieri għall-ħabta ta' nofsillejl neqsin ħamsa, splodew bomba oħra fit-tieqa tad-dar tas-Sagristan Giovanni Griscti f'21, *Piazza Maggiore*. Deher mill-ewwel li dan kien att intimidatorju lejn il-Kappillan ftit jiem qabel ma tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Ġużepp. Fil-ħin li splodiet il-bomba kien hemm preżenti d-dar Dun Ġużepp u ħutu Francesca u Cristina, waqt li fid-dar tas-Sagristan kien hemm ukoll oħtu Carmela Griscti u tifla ta' sitt snin li huma kienu jrabbu. Fl-inkjesta maġisterjali li saret l-għada 26 ta' Lulju 1919 mill-Maġistrat tal-Għassa Dr Camillo Mifsud, f'xhieda ġuramentata, il-Kappillan Barbara jgħid dan li ġej, tradott fedelment mit-Taljan:

***"Jiena mteddejt biex norqod fl-għaxra u kwart tal-bieraħ, u nqum fil-ħin tal-isplużjoni, jiġifieri f'xi nofsillejl neqsin kwart. Jiena mort biex nara jekk weġġgħetx oħti l-anzjana Francesca, u waqt li kont qed naqsam il-loġġa li qegħda wara l-bieb 'il bogħod, waqaft miblugħ bl-effetti tal-isplużjoni***


Raided the fireworks factory of Spiridione Bartolo 52yrs of late Giovanni of H. Chircop situated in contrada "Ta taksisa" limits of H. Chircop, to who I

***Kopja tal-okkorrenza tat-23 ta' Lulju 1926, fejn il-Pulizija jwettqu raid fil-Post tan-Nar ta' San Ġużepp biex jaraw li Spiru Bartolo qed jimxi mal-ordnijiet li ngħatawlu ftit tal-jiem qabel.***




***Dilettanti tan-Nar Ġużeppini fl-1953 waqt il-ħidma tagħhom għall-Festa fil-post tan-nar l-antik li kien jinsab fl-inħawi Ta' Taqsisa li dam jintuża sal-1976.***

*li kienet kissret siġġijiet u l-bieba l-oħra tal-ġnien li qegħda mat-triq. Ma nafx biċ-ċert ir-raġuni għal dan l-għemil ħażin; però jiena aktar naħseb li huwa frott ta' partitarji akkaniti għall-festa ta' San Leonardu li tiġi ċċelebtata fis-6 ta' Novembru ta' kull sena, u li huma kontra li l-festa li ġejja ta' San Ġużepp tiġi ċċelebrata b'pompa akbar minn tas-snin li għaddew. Jista' jagħti l-każ li dawn il-partitarji bl-iskuża tal-luttu nazzjonali, riedu li l-Festa ta' San Ġużepp ma kellhiex tiġi ċċelebrata din is-sena; peress li jiena, qgħadt għar-rieda tal-maġġoranza u tajt il-permess li din tista' tiġi ċċelebrata b'pompa akbar minn tas-soltu ta' dawn l-aħħar snin tal-gwerra; imma nirrepeti li din kienet biss skuża, għaliex il-bdiewa kollha jħobbu dawn il-festi, u nemmen li l-politka ma tidħol xejn f'din."*



*Il-ġenb tad-dar tal-Kappillan Barbara hekk kif kien jidher minn Triq San Ġużepp. Dak il-bieb żgħir kien jagħti għall-ġnien u jissemma fir-rapport tal-bomba bħala li ġarrab ħsarat estensivi.*

Allura din ix-xhieda toħroġ ir-raġuni għala l-kodard poġġielu l-bomba, u r-raġuni tkun imsejsa fuq żewġ ġrajjiet internazzjonali u nazzjonali. Jidher illi l-Partitarji ta' San Ġużepp xtaqu li l-festa tal-1919 tiġi ċċelebrata b'iżjed solennità minn tal-aħħar snin, peress li kienu għadhom kif ħarġu mill-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), u sadanittant seħħew l-irvellijiet tas-Sette Giugno proprju madwar xahar u nofs qabel seħħ il-każ tal-bombi. Huwa għalhekk li Barbara fix-xhieda tiegħu jsemmi l-luttu nazzjonali. Fi kliem ieħor, l-avversarji riedu li titħassar il-Festa ta' San Ġużepp bl-iskuża tal-imwiet tas-Sette Giugno, iżda Dun Ġużepp baqa' għaddej bil-pjanijiet ta' festa akbar f'ġieħ San Ġużepp. Din ma kinitx bomba ta' twissija jew ta' vandaliżmu. Fl-inkjesta, l-espert ballistiku l-Prokuratur Legali Giuseppe Zammit jgħid li l-bomba kellha biżżejjed potenzjal biex toħloq imwiet, u ġew biss evitati għax ħadd ma kien fil-viċinanzi tal-bieb ta' barra jew tal-intrata. Għaddew disa' u disgħin sena minn din il-ġrajja kerha, hekk kif is-sena d-dieħla, pajjiżna mistenni jfakkar għeluq l-ewwel Ċentinarju mis-Sette Giugno 1919. Il-ġrajja tal-bomba baqgħet tintiret minn fomm għal ieħor bħala xhieda ta' kemm kellu jgħaddi minn gwaj il-Kappillan Barbara għax iffavorixxa lill-Festa u l-Partit ta' San Ġużepp. Sa erba' snin ilu, il-każ tal-bomba kien għidut mingħajr data u mingħajr raġuni, iżda fl-2015 kont ippubblikajt l-artiklu bil-ġrajja kollha miktuba mill-Arkivista Nazzjonali Dr. Charles Farrugia, wara li kienet instabet l-inkjesta mis-Sur Leonard Callus[8]. Ta' dan nizzihom ħajr minn qalbi. Għadni niftakarni tifel ta' madwar tnax-il sena nqatta' ljieli sajfin bilqegħda fuq il-bankina maġenb Pietru Attard il-Grampun, u jirrakkuntali l-ġrajja qisha għadha kemm seħħet ġurnata qabel, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn daru, u jipponta lejn id-dar ta' Ġulin biex jurini fejn kien joqgħod il-Kappillan. U Pietru ma naqasx milli jgħidli ċar u tond saħansitra min kien poġġa l-bombi, fi kliem ieħor aktarx kien każ ta' fejn ir-raħal kollu kien jaf kollox, minbarra l-ġustizzja, għax passi żgur qatt ma ttieħdu fil-konfront tiegħu. Il-faċċoliżmu tal-avversarji ħareġ ċar aktar tard dik is-sena stess 1919, għax minn banda ma ridux li tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Ġużepp, u min-naħa l-oħra ħabbru tagħhom bħala *"Festa Kbira li ser issir"* fil-ġurnal Malta Tagħna f'Novembru[9], iżda dawn bħalma dejjem sostnejt, l-arma tagħhom kienet u baqgħet li jtellfu u jxekklu lill-Każin u l-Festa ta' San Ġużepp, u oħroġ il-għaġeb, l-istorja dejjem ittini raġun f'dan!

## Il-Festa ta' San Ġużepp tal-1923

Dawn ir-reġistri tal-Okkorrenzi jindikaw b'mod ċar illi l-Festa ta' San Ġużepp tas-sena 1923 ġiet iċċelebrata fost tensjoni sħiħa mal-partit oppost. Mhux magħruf kienx hemm xi kwistjoni oħra għaddejja apparti l-pika normali, iżda r-rivali jidhru li kienu mbaqbqin waħda u sewwa! Fl-1 t'Awwissu jiġu rrappurtati Giuseppe Camilleri ta' Carauett, Nazzareno Dalli tal-Bait, Salvatore Farrugia Ħarxinu, Giuseppe Debono taċ-Cinaclu, Paolo Debono taċ-Cinaclu, Carmelo Ellul ta' Marinton u Benedetto Camilleri ta' Carauett, illi ġġieldu u insulentaw lil xulxin. Paolo Debono ġie rrappurtat ukoll illi insulta lin-nies illi kienu bilqegħda fil-bieb tal-*Casino San Leonardo*. Fit-3 t'Awwissu Paolo Ellul ta' Marinton irrapporta li waqt li kien fuq il-bejt ta' daru (*Strada Maggiore* kantuniera ma' *Strada San Rocco*) sema' nies li kienu fuq il-bejt tal-*Casino San Giuseppe* jgħajjru *"Cornuti"* lil dawk li kienu fuq il-bejt tal-*Casino San Leonardo*. F'dan ir-rapport, il-pulizija jagħmlu nota illi Ellul kien membru tal-*Casino San Leonardo* biex speċi ma jagħtux piż wisq lil dak li qalilhom, speċjalment meta tikkunsidra d-distanza ta' daru mill-każini. L-għada, l-4 t'Awwissu, Leonardo

Camilleri ta' Rasola, ġie rrappurtat illi għall-ħabta tad-9.30pm, waqt li l-banda kienet għaddejja minn *Strada San Leonardo* ddoqq marċi brijjużi, insulta diversi persuni mill-*Partito di San Giuseppe* billi sejħilhom *"Ħafna Poxtiet"*, waqt li kien fil-bieb tal-*Casino San Leonardo*, li dak iż-żmien kien jinsab biswit il-Knisja minflok il-Balla. L-għada aktarx li kien jum il-Festa 5 t'Awwissu 1923, u għall-ħabta tas-1.30pm ġie rrappurtat Benedetto Camilleri ta' Rasola illi nsulta lill-pulizija billi qalilhom *"Ħafna clieb, toħduh f'......"*. Iżjed tard dakinhar stess jiġu rrappurtati Giuseppe Bonnici l-Berkni, Grazio Zammit il-Kalkula, Felice Galea l-Oħxon, Leonardo Camilleri il-Bozz u Paolo Debono taċ-Cinaclu talli ħarqu murtali minn post mhux awtorizzat mill-pulizija u mingħajr ma avżawhom[10].

**Rapporti oħrajn**

Ma jistax jonqos illi minn barra dawn ir-rapporti li semmejt hawn fuq, jeżistu għexieren oħra illi ma fihomx ċertu valur storiku. Kienu affarijiet ta' kuljum bħal bhejjem mingħajr xedd, karettuni mingħajr fanal, ilma maħmuġ mormi barra u oħrajn. Iżda ssib ukoll każi iżolati li ma tistax tiġborhom f'paragrafi kif għamilt hawn fuq. Għalhekk ser insemmihom għall-benefiċċju ta' dawk li jħobbu l-istorja tar-raħal. Fil-5 t'April 1919 ġew irrappurtati għadd ta' nies li kienu qed jorganizzaw lotteriji bi premjijiet għall-użu ta' kuljum. Mhux magħruf dawn kinux qed jaħdmu f'isem xi għaqda jew il-qligħ kienx għalihom personali. Jissemmew Teresa Bonnici tal-Berkni, Rosa Sacco tal-Ġiobon, Leonardo Farrugia tal-Bengħisi, Francesca Falzon tan-Nan, Modesta Farrugia tal-Bengħisi, Concetta Grech tax-Xiottu u Ester Sacco tal-Giobon. Il-premjijiet kienu jvarjaw minn mitħna tal-kafè għal biċċiet ta' drapp, ċrieket tad-deheb u lampa tal-pitrolju. Fiż-żmien li qed nikteb dwaru saru wkoll ġo Ħal Kirkop żewġ *meetings* politiċi. Fit-12 ta' Diċembru 1926 sar wieħed mill-*Constitutional Party* li għalih attendew madwar mija u ħamsin ruħ. F'dal-*meeting* tkellmu l-Prokuratur Legali Salomone dwar il-kwistjoni tal-vot, l-Avukat Montanaro fuq il-politika tal-gvern in ġenerali u Robert Bencini dwar il-kwistjoni tal-Lingwa. Fl-4 t'Awwissu 1927 sar *meeting* ieħor mil-*Labour Party* li għalih attendew madwar erbgħin ruħ u fih tkellmu s-Sur C. Schembri, is-Sur F. Zammit u Dr. P.P. Agius dwar il-politika tal-gvern u l-abbużi, it-taxxa fuq il-ħobż u l-kwistjonijiet tal-lingwa u l-vot. L-aħħar rapport li ser insemmi mill-perjodu li ktibt dwaru huwa dak tat-8 t'Awwissu 1927 fejn Maria Attard tal-Meuta, irrappurtat illi kienet silfet ċurkett tad-deheb lir-raġel ta' bintha, Salvatore Cutajar ta' Vdeuxa, biex jilbsu għall-Festa ta' San Ġużepp u meta talbitulu lura qalilha li kien waqagħlu f'bir waqt li kien qed jimla l-ilma.



*Ġużeppi Ellul is-Sjettu - President tas-Soċjetà Ġużeppina, bejjiegħ tal-laħam u tax-xorb u benefattur li ta l-art biex jinbena l-post tan-nar fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor.*

Tispiċċa taqra l-artiklu u kważi tissuspetta li dawn il-karattri kollha m'għexux realment f'Ħal Kirkop minn mija sa disgħin sena ilu. Dawn huma stejjer tan-nies li qatt ma nkitbu għax qatt ma tfittxew. Meta fis-snin sittin u sebgħin, l-antropologu Olandiż Jeremy Boissevain ippubblika l-istudji tiegħu dwar Ħal Kirkop, kulħadd beda jqis vanġelu kulma kien hemm miktub fih bħala l-istorja ta' Ħal Kirkop. Mingħajr ma nneħħi ebda mertu lil Boissevain għall-istudji u r-riċerka li wettaq fiż-żmien li għex Ħal Kirkop, irid jingħad li dwar storja passata tar-raħal, Boissevain qagħad biss fuq għidut ta' wħud li normalment qatt ma raw b'għajn tajba lil sezzjonijiet mill-poplu u għalhekk ma tantx hemm bażi soda fuq xiex torbot. Irrid ngħid ukoll li m'iniex qed nipproġetta lili nnifsi bħala xi kittieb tal-istatura ta' Boissevain. Dmiri hu biss li nikteb fedelment dawk il-ġrajjiet rilevanti għall-istorja tar-raħal u ta' niesu li jinsabu arkivjati fl-Okkorrenzi tal-Pulizija.

Qabel nagħlaq ser nagħmel parentesi żgħira u nieħu l-okkażjoni biex nifraħ lill-Kumitat direttiv tas-Soċjetà Ġużeppina talli iżjed kmieni din is-sena, l-unika banda tar-raħal daqqet għall-ewwel darba barra minn Malta, preċiżament fi Sqallija, u aktar

minn hekk talli fi żmien qasir ser naraw l-Isqallin fostna fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp, f'dak li hu mingħajr ebda dubju l-Ewwel Ġemellaġġ Mużikali li qatt sar f'Ħal Kirkop. Mal-istorja ma tilgħabx, kif jixhed dan l-artiklu nnifsu! Nifraħ ukoll lill-Fratellanza ta' San Ġużepp illi din is-sena rebħet id-dritt illi tinxtegħel il-faċċata tal-Knisja fid-19 ta' Marzu u anke illi jintrama d-damask qabel il-Ħruġ min-Niċċa tal-Istatwa Artistika ta' San Ġużepp. Dawn huma riżultati li min jaf kemm xtaquhom ta' qabilna u anke aħna, u għalhekk hija ħaġa naturali li wieħed jifraħ b'okkażjonijiet sbieħ bħal dawn li jkomplu jinsġu l-istorja.

**Noti u Referenzi:**

1. Ara *Għelt il-Koppin fil-bidu tas-Seklu Għoxrin* – Angelo Schembri f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop Festa 2014 Paġni 85-91 u Festa 2015 Paġni 81-85.
2. Għal iżjed tagħrif dwar is-Surmast tal-Iskola Alfonso Maria Spiteri ara *Skejjel u Intriċċi f'Ħal Kirkop fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin* – Dr. Charles Farrugia f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop Festa 2011 Paġni 185-193.
3. Pietro Paolo Ellul li kultant jiġi msejjaħ Paolo għad-dritt u magħruf bħala l-Kwattru, kien Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament u wieħed mill-protagonisti flimkien ma' ħutu biex seħħet il-qasma bejn il-poplu tar-raħal f'terminu ta' affiljazzjoni ta' festi. Għal iżjed tagħrif ara *Kif Bdiet il-Pika Bejn San Ġużepp u San Anard f'Ħal Kirkop* – Dr. Simon Mercieca f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop Festa 2016 Paġni 33-39.
4. Ara *Is-Serqa tal-Pagi f'Ħal Kirkop u Iktar Serq* – Eddie Attard f'Delitti u Misteri Volum 21 Paġni 2-3.
5. Skont informazzjoni mogħtija mis-Sur Aurele Gafà, iż-żewġ Tarxiniżi kienu jaħdmu n-nar għall-Festa tal-Madonna tad-Duttrina li ssir fl-istess raħal.
6. Ara *Inlaqqgħukom Ma' Pietru Attard* – Intervista ta' Pawlu Azzopardi f'Programm tal-Festa San Ġużepp Ħal Kirkop Festa 1992 Paġna 15.
7. L-argument tiegħi qed insejsu fuq raġunament illi kieku fl-1925 diġà kien hemm il-post tan-nar, kieku ma kienx hemm ħtieġa li tinsteraq musketterija għax kienet tinħadem mid-dilettanti Ġużeppini nnifishom. Imbagħad fl-1926 kollox jidher konfermat b'isem il-persuna liċenzjata u l-inħawi fejn kien jinsab dal-post tan-nar li baqa' jintuża sal-1976.
8. Ara *Il-Każi tal-Bombi mad-Dar tal-Kappillan u s-Sagristan ta' Ħal Kirkop* fl-1919 – Dr. Charles Farrugia f'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop Festa 2015 Paġni 57-62.
9. *'Programma'* fil-Malta Tagħna, 1 ta' Novembru 1919.
10. Dwar Ġużeppi l-Berkni, Nardu l-Bozz u Pawlu taċ-Cinaclu, dawn kienu partitarji Ġużeppini Koppin. Iż-żewġt irġiel l-oħra minn laqamhom aktarx huma Mqabbin membri tal-Partit ta' Santa Marija.

